# IL BON PASTUR

## KARI MALTI TA CULL XAHR

## Ghal moghdia ta 'z-zmien fil gid tar-ruh

### IMBIERECH MILL PAPA LEONE XIII.

*Jen ir-raghai tajieb: u 'naghraf in-naghgiet tighi u 'n-naghgiet tighi iagharfu lili.*
G. C. (*Ev. S Joan:*) c. X.

*Pietati, religioni et christianae disciplenae promovendae operam navatis... iApostolicamBenedictionem, auspricem coelestium gratiarum Omnibus pro quibus postulastis.*

*Littra tal Papa Leone XIII lid-direzioni tal B. Pastur,* 11 Giugnu 1881 muetka b' oħra tal 25 ta Ottubru 1884

*Min irid jissieħeb* iħallas Hames soldi cull sitt xhur u ghal barra min Malta bill postag: il klieħ imur ghal bosta operi taiba ta paijsna.

It-Disa Sena 1887 Nu. 4 April

## LILL' IMSEĦBIN

Nitolbu lill' imseħbin, li ghadom ma tauħx, il ħlas zgheir ta l' euuel sitt xiur. Min ma jurix ruħu f' dan ix-xaħar ta Meiju, ma ncompluх nibghatulu izied il giurnal ghaliex signal li ma iritċ jibka msieħeb.

## GHAL GIUBLEU TAL PAPA

F' dan ix-xahar ta Meiju li dieħel tibda id-dar ta S. Giusepp ta l' Orsolini li ilom tant jaħdmu ghaligha. Sal festa tal Papa nifmu illi l' opera tcun miexia seuua u icunu jistghu ighedulu, lill dach il missier ta l'Insara colla : Din id-dar ìa uaħda mill' operi li jibkghu tifchira tal festa tighech, xerret fuka il barca Apostolica tighech ! Id-dar tilka biss it-trabi ta nies fokra illi iridu imorru jaħdmu u ma ghandomx fein iħalluom inducrati. 2. Tieħu ħsieb ta daun it-tfal sa filghaxia, sa meta l' omm tigi ghaliom. 3. Min ma jigix ghattarbia tighu, ijbaghtujelu id-dar u ma icunx jista actar igiba fl' Istitut. 4. L' ommiet jatu xi ħagia zgheira ghal manteniment ta uliedom illi f'din id-dar jistghu iħalluom mil ghodua sa uara l' Ave Maria. 5. Inzammu biss it-tfal li icollom min erba snin l' isfel, ghaliex ta ftit actar min erba snin isibu bnadi oħra fein ikeghduom u ma tinħtieg id-dar ta dana l' Istitut. Daun id-

diar fi Franza ighedulom *Crèche*, u fl' Italia *Asili d' Infanzia.* Bill ghainuna t' Alla u bill protezioni ta San Giusepp u bil curagg li ghamlu xi nies distinti li iħobbu daun l' operi, tarau chif isseħ u tieber din l' opera u taghmel gid bosta !

## IL VLEGGIA TA 'D-DEHEB

Nakrau fil ħaija tal Carmlitana Suor *Saint Pierre* tal Monast: ta Tours illi fis-26 ta Auissu 1843, l' aghda tal festa ta S. Luigi re ta Franza, onorat pħal difensur tal kima ta l' isem mkaddes t' Alla, G. C. mar jitchellem ma 's-serva tighu u talaba titħol riparatrici ta 'l moħkria li jilka mid-daghaija l' isem tighu. Is-Signur taghna tgheid ia, urieni kalbu u kalli : Ismi, ma cullumchien fil nicc ta l' art ua maltrattat, l' istess tfal jidghu l'ismi. —U uerieni chif dan id-dnub joffendi l' Alla izied mid-dnubiet l' oħra ; bid-dagha il midneb jiddisprezzaħ f' uicciu, joħoda mighu, juri ruħu ngrat ghal fidua tighu in-nifsu u b' ilsienu innifsu jiccondanna ruħu. Id-daghua ia pħala vleggia avvalenata li tolkot continuament il Kalb ta Gesù, u kalli illi irid jatini *vleggia ta 'd-deħeb* li bigha nolkod bill ħleuua il Kalb tighu u nfejiak il feriti li jaghmlila il ħazen tal midimbin.—Ua ghallimni tifħira li jena chelli naghmel lill' isem mkaddes tighu u ried illi din tcun pħal *vleggia* li tolkot bl' imħabba il kalb mkadsa tighu. U kalli ghozz din il grazia ghaliex jen nitolboch cont taħħa. Aun deħirli mill kalb tighu ħiereg baħar ta grazii ghal conversioni tal midimbin. Att ta tifħir li G.C. gharraf lill *Suor S. Pierre* ta Tours:

"Icun dejiem mfaħħar, mbierech, maħbub, adorat, u glorificat is-santissimu, sacratissimu, adorabilissimu, li xein ma ua maghruf u ma jistax jitfisser, Isem t'Alla; fis-sema u fuk l' art fost il ħlejiak collha li ħargiu min idein Alla u f' giħ il kalb mkadsa ta 's-signur taghna G. C. fis-Santissimu Sacrament ta l' artal. Ecch icun.

Nitħajru aħna li ngheidu u nxerdu dana l' att ta tifħir biex natu kima lill maestà t'Alla offisa mid-daghija. Suor *Saint Pierre* tgheid li ia kalghet grazii uisk cbar b' dina il Vleggia tad-deħeb li tolkot bill ħleuua u bl' imħabba il kalb mkaddsa ta Gesù !—

## BRUNO KIONG

Xi ħmistax il sena ilu chien emm fic-Cina dan l' actar famus Catechista li chellom sa dach iz zmien fil missioniet tas-S. Infanzia, Dana chien bin uieħed tabib Cinis ta Sutehneu, min famiglia li min izied min mitt sena chienu ilom icollom it-tobba. Dan Brunu sa chem chellu 40 sena ghiex ta *idolatra*, jinganna lill imseichnin b' certi superstizioniet li chien jaghmel, sa chem giè min Alla msejiaħ bi grazia speciali li ried jaghmillu. Darba uaħda mar jiccura tarbia u talabom fellus abiat biex jaghmel sacrificiu ghal dich it tarbia. Dich il famiglia chienet ta l'insara u ma redux dauch is superstizioniet. Bruno ried jaf ghaliex, u xtiek jisma fuk ir-Religion Cattolica. Dauch spiegaulu xi ftit mid-dottrina ta G. C. u ħaduħ ħdein l' altar (chif fic-Cina cull famiglia nisrania ghanda l' altar fis-sala) u emm maħħom beda jaghmel is-salib. Minnu fiħ jara niezel ballun tan'-nar, jolkotlu rasu u xeħtu fl' art mitluf mis-sensi tighu. Med-deuħ u ic-curauħ u x' ħin ghad-dielu ragia mar kuddiem l' altar u minnu fiħ jargia jigrilu l' istess. Ghaddeu sentein u giurnata uaħda chien f' locanda jitħaddet ma uieħed missionariu cattolicu u kallu xi gralu darba kuddiem l' altal ta l' insara. Il missionariu kallu illi id-demoniu chien bezzghu b'dach il mot; ghallmu xi ftit mir-Religion Cattolica u uessieħ li imur ghand il Vicariu, Apostolicu. Ua mar mal missionariu ghand il Vicariu, tghallem malair il catechismu u ħa il maghmudia. Allura ta ruħu ghal gid tar-Religion cattolica, u billi chien msejiaħ uisk, pħal tabib li chien, chien jista uisk jati lit-tfal il maghmudia, Mar fil provincia ta *Kiong ħeon* u emm f' 10 snin ghammed xein ankas min 30000 tarbia. Alla ippermetta illi ua ghamel feikan tal ghageb, mux bill medicini, ghaliex chien jiccura bi ħuejieg zghar u ta xein, izda dejiem chin igheid ir-rosariu jeu devozioniet mal cura li jghamel. Fost

l' oħrain fejiak marid li mit-tobba collha chien moghti ghal meijet.

Allura actar ħabbeuħ f' dich il provincia u min cull' umchien chienu ighaitulu. Ghalecch bosta mandarini rieduħ ighedilom il giurnata meta tuieled biex jaghmlulu festa, izda ua ma riedc igheidilom. Fil ħuienet cont tara ismu mictub bid-deħeb u tifħir tighu ma cull imchien u ua chien jobghod dan it-tifħir. Darba uaħda sejiaħlu il mandarin ta dich il belt, taparsi biex jiccura fil palazz tighu. Chif daħal, kallu: Jena bghat ghalich ghaliex jen irrid neħles minnech u min dauch collha li uma tar-religion tighech.—Ghala? kallu Bruno, aħna maħniex naghmlu ebda deni anzi gid!--Gheidli mnein int u meta tuelitt—Jen, min Su Tehnen ghandi 46 sena u tuelid fit-8 sena ta l'imperatur Kia Kins, fl'14 ta 8 kamar —Seuua, kallu il mandarin, mur issa, ghaliex jen dana li ridt naf, u ma nibkghux ma naghmlux festa dich inhar li taghlak sninech! Bruno sellemlu u mar dispiaciut li kallu meta tuieled.—Ghadda iz zmien u dich inhar li Bruno ghalak sninu chien fl' ispizzeria principali ta dich il belt u jisimghu gejia il banda u maħħa jara cbarat mibghutin apposta mill mandarin. Uakfu kuddiem il bieb u riedu bill fors lill Bruno Kiong, izda Bruno staħba. Ma satax icun li jeħles u chellu bill fors jider kuddiemom. Allura beda igheid uieħed mill mibghutin: Aħna ma nistghux naghmlu din il kima ħlief lill capiet tal poplu, izda lilech naghmlu ghaliex inti ghamilt gid cbir lill poplu, gid actar ghazis mid-deħeb u mill ħagiar fin! Ma daun il chelmiet cull ħatt jinzel gharcupteiħ u iselmulu la Cinisa. U il banda id-dokk.—Jakbes lieħor: Aħna nħobbuch pħal missierna u ommna ghaliex inti tajieb u colloch mimli b' imħabbitna. "mil gdid gharcubteihom u il banda id-dokk. Bandieri tal ħarir, scrizioniet u sonetti, fiuri u ħuejieg oħra ta festa. Lebda ħagia izda ma chienet pagana ankas superstiziusa biex

ma joffendux lill Bruno li chien nisrani. — Dan chien Bruno Kiong, tant msemmi fl' Annali tal missioniet ! —

## ADAH

*(arau in numru ta kabel)*

Dach is-Sacerdot li iltakghed mighu Adaħ chien uieħed min dauch il Ministri t' Alla illuminati u ħeluiin illi bil ħniena collha laka lill dich ir-ruħ li chienet ghada tghum geuua id-dubii. Faħħar f' Adaħ ix-xeukat taiba li chella, izda ried illi ia titghallem ir-religion Nisrania u titlob l' Alla u bl' operi taiba titħejja biex titghammed. Min dich inhar dejjem cuntenta isiba missiera, dejjem ferħana, titghallem id-dotrina ta G. C. taghmel operi ta Carità u xein ma taraħ iz zmien ghaliex dejjem ghanda x' taghmel mal fokra u fit-taghlim. Izda chif taghmel biex titghammed ? tgheid lill missiera ? Le !.. ma tgheidlux ma jistax icun. Bakghed confusa bosta xur fl' aħħar tigi marda fuk ix-xuejjaħ Gonzales u fi ftit gmighi uasal ghal meut. Nofs sigha kabel miet sejjaħ lill Adaħ u kalla : Jena sejjer immut, Alla ta Abraham ta Giacob u ta Isach, Alla ta misserietna jibghat fukech il barca tighu u jana imbierchech bill barca ta l' Oghla ta 's-smeuuiet. Jena naf u it-tendeit illi inti ilech ma tigi izied fis-Sinagoga u li mill' insara ma tibzax, dauch li jaghmlu il-Ligi ta Gesù ta Nazarett...; tajjeb, jecch trid issir Nisrauia tcun imbierca ucoll ! Adah bdiet tibchi bieset idein missiera u dach daħkila u beda igheid il versi tas-salmi sa miet.

Uara ftit granet Adaħ bill vistu marret ghand dach is-Sacerdot u kaltu : Jen geit biex nitolboch il maghmudia, int smait bil meut ta Missieri illi tliftu f' daun il granet...jenu geit biex nitolboch il maghmudia u maħħa irrid grazia oħra jech tistħokkli. Inti taf l' istoria tighi u ħaiti ghaliex ghandech G. C. giebni u mighech lakkaghni. Jena ghettlech mill' euuel darba li jen irrid incun vittima ta riparazioni ghad-delitt li ghamlu dauch tal poplu tighi ma Gesù Cristu. Jeni ma 'rritċ ngaudi dach li ħallieli missieri jena irrid nati ruħi u cull ma ghandi l' Alla, irrid insir religiusa.—Taijeb, kal dach is-sacerdot, nipprovau il vocazioni.—Ah ! kaltlu Adah, la tħallinix nargia immur f' nofs id-digna gheini biex

nati ruħi mn' issa collni l' Alla, ħalli nista ngheid lill gharus tighi G. C. *Halleitni mirrbid li tant chien rabatni: u jena noffrilech ostia li toghgboch, it-talb tighi!* Biex ngheidlech isseu jena gia tait cull ma chelli, biccia lill krabati, u biccia taittu lill Florino ta Clorinda li mietet u biccia oħra lill fokra; biss zammeit dota zgheira li noffrigha l' Alla, basta li ua jilka il kalb tas-serva tighu. Smait b' Ordni gdid, fein jitolbu ghal conversioni ta 'l Lud u fein jaghmlu tant opri taiba biex Alla iħenn ghal dich in-nazion infidili; emm jen irrid immur f' *Nostra Signora di Sion!*—Il kassis s' issa chien jisma, imbaghad kall: Opra taiba li ghamilt ma dich il fkira, gibdet fukech daun il grazii collha...Ma ighaddux tmien tiem u inti tcun mghammda...imbaghad u bill mod u bid-daul t' Alla narau il vocazioni tighech.

Adaħ d' Evora issa ia religius ta *N. S di Sion* f' Gerusalemm fil loch seu seu fein G. C. chien incoronat bix-xeuch. Emm ia titlob ghad-dnubieit ta misserietom, taghmel tant operi taiba ghal conversioui tal popolu ludi; emm ia mitfuna fl' imħabba ta G. C. li ghad taraħ fis-sema, u keghda tara chem ìa ħagia ħelua illi taghraf is-Salvatur G. C. u tħobbu chif jistħokklu!

Forsi id-digna tmakdar lill Adaħ, imma lila ibiercu l' angeli tas-sema u iseiħula ix-xurtiata ghal grazii cbar li chella u ghanda.

*Lett.* di *Modena* 1876

## IL PRUDENZA EVANGELICA

*(arau in-numru ta kabel.)*

Jena nibghatcom, mar igheid Sidna Gesù Cristu lil apostoli, pħal naghgiet fost il lupi: ghalech cunu prudenti pħal ma uma is-sriep, u semplici pħal ħamimiet (Matt, 10).

Il prudenza ta l' ulied tad-digna tkeijes u tizen il ħueijeg bil kies u il mizien tad-digna, igifieri scont irragiuniet ta dina il ħaja li tispiccia, scont il frugha, u 'l kerk min taħħa, min ghair xein ma tfittex ir-raginnijet oħrain tal ħajia l' oħra, li ghaligha aħna mixxijn, u li figha irridu u mar-ridux ghandna naslu.

Il prudenza evangelica tcheijel u tizen il ħueijeg deijem scont ir-ragiuniet tal ħaija ta deijem. Dina il

prudenza kuddiem il ghainein tad-digna tider blugha izda kuddiem il ghainein t' Alla l' imbierech ìa gherf.

" Arau ighedilna l' Apostolu missierna, chif timxu f'dina il ħajia, timxux pħal boloħ, igifieri bil prudenza tad-digna, izda pħal ghorrief, scond il prudenza evangelica, billi tirriscattau iz-zmien, ghaliex ninsabu fi zmieniet ħziena... agharf u liema ì il volontà t' Alla, u inttleu b'l' ispiritu tighu." (Eph. 5). Eccu immela x'ghandu jaghmel min irid igheix bil prudenza evangelica. Ghandu igheix scont il massimi imkadza ta l' evangeliu, u ghad-daul taħħom imidd il passi tighu. Halli id-digna tgheid li trid, min ua ma Gesù Cristu chif dana stess ighedilna, ma jistax icun li icun mghogiub mid-digna, u igheix chif tifem dina (Joan 17). Izied ghandu intebaħ li iz-zmeniet uma ħziena, u il ghedeuua tal fidi nisrania uma bosta, li ificciu chem jistghou jekerdugha min fost l' insara. Dauna 'l ghedeuua uma mux bis l' insara ħziena, izda ucol l' insara li ċaħdu il fidi billi inchitbu fis-setet u ħalfu li ghandom jaghmlu cull ma jistghu biex ibeghdu min fostna lil Gesú Cristu. Dauna uma il lupi li ificciu jiddivorau. Ghandu in-nisrani jitlob l'Alla l' imbierech zmenijet aħjar, u ifittex jaghraf daca li Alla irid minnu, jeħu parir min mìn ghandu id-daul t'Alla u igheix b'ghaineiħ miftuħa lein il ħaija ta deijem.

Dina il prudenza imsieħba mas-semplicità evangelica, li minna tħaddittna id-darba l' oħra, tuassalna uara dina il ħaija fil port tas-saħħa u 'l hena ta deijem.

M. A F.

---

## ARLOG LI IKASSAM ISSIGHAT LI FIGHOM GESU' CRISTU BATA IL PASSIONI U IL MEUT GHAL FIDUA TAGHNA.

*(arau in-numru ta kabel)*

Ora 5.

M, X' inù li bata ghalina Gesù Cristu, fil ħamsa ta fil ghodu ?

T. Chien marbut bil ħbula l' actar ħorox, biex icun mil ġdid ippresentat kuddiem Caifas u 'l cbarat ta lhud.

M, U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ecch : Gesú tighei zommni deijem marbut mighech per mez tal grazia santificanti

Ora 6.

M. Gesù Cristu x'chien kighed ibati fis-6 ta filghodu?

T. Chien meħut min ghand Caifas ghal ghand Pilatu fost disprezzi acbar min ta aun il-leil, u tbatiet, li ghamlulu il chefrin lhud.

M. U x' talba taghmel aun?

T. Ingheit ecch: Gesù tighi atini il grazia li niccorrispondi mas-seiħat tighech imkazza.

Ora 7.

M. X'chien ibati Gesù Cristu sidna fis-7 ta filghodu?

T. Chien ibati disprezzi u suat fil viag li geghluħ jaghmel min ghand Pilatu ghal ghand Erodi fein chien it-trattat ta mignun.

M. U x' talba taghmel aun?

T. Ingheit ecch: Gesù tighi atini il grazia li niftacar spiss fil viagg li ghandi nagmel ghal l' eternità biex ingheix deijem fl' osservanza tal ligi SSma tighech.

Ora 8.

M. Sidna Gesù Cristu xinù li bata fit-8 ta fil ghodu.

T. Sofra u bata id-dakkiet tal labardi, tal ponniet, u tar-riglein fil viag li ghamel min ghand Erodi ghal ghant Pilatu imlibbes blibsa baida, considerat pħala bniedem bla ghakal, u mignun.

M. U x' talba taghmel aun?

T. Ingheit ecch: Gesù tighi nitolboch tlibbisni il libsa ta l' innocenza, u izzeijnni bil virtù tal purità imkadza. *(tissocta)*.

---

Nitolbu pħas-solitu lill imsieħba taghna li jiftacru fir-ruieħ tal meitin; Costanza Vella, xebba min Bormla ta 20 sena mietet fis-19 ta Marzu.—Carmela Buhagiar min Haz-Zabbar, mietet fis-27 ta Marzu, Alla jatiom il paci u 'l mistrieħ ta deijem.

*Requiem Æternam.*

---

BIS-SENSIA TAL CNISIA

*Id-Direzioni.*

Ghal min irid issieħeb } Fl'Istamperia ta G. Mifsud e Figlio Str. S. Orsola N.187c Ghan-naħħa l' oħra ghand is-Sur Lorenzo Dato